maġġoranza tal-membri tal-assoċjazzjoni huma individwalment ikkonċernati u għandhom *locus standi* tagħhom stess. Sussidjarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tnaqqas il-kriterji li kellhom jissodisfaw l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lil komunità indiġena biex ikollhom *locus standi*.

Ir-raba' aggravju: meta ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali, il-Qorti Ġenerali applikat kriterju legali żbaljat biex tistabbilixxi l-*locus standi* tar-rikorrenti għall-finijiet tal-Artikolu 263 TFUE, billi żiedet kundizzjoni ġdida. Din il-kundizzjoni ma hija bbażata la fuq id-dispożizzjonijiet tat-Trattat u lanqas fuq il-ġurisprudenza.

---

(1) Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU 2018, L 76, p. 3).
(2) Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013 (ĠU 2018, L 156, p. 1)
(3) Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU 2018, L 156, p. 26).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (Spanja) fil-25 ta' Lulju 2019 – LP vs Subdelegación del Gobierno en Toledo**

**(Kawża C-567/19)**

(2019/C 372/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* LP

*Konvenuta:* Subdelegación del Gobierno en Toledo

**Domanda preliminari**

Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk hijiex kompatibbli mal-Artikolu 12 tad-[Direttiva] tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (1), u, fost l-oħrajn, mas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Diċembru 2017, López Pastuzano (Kawża C-636/16 (2)), u tat-8 ta' Diċembru 2011, Ziebell (Kawża C-371/08 (3)), interpretazzjoni bħal dik mogħtija fis-sentenzi tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) Nru 191/2019, tad-19 ta' Frar 2019, Appell fil-Kassazzjoni Nru 5607/2017 (ECLI:ES:TS:2019:580), u Nru 257/2019, tas-27 ta' Frar 2019, Appell fil-Kassazzjoni Nru 5809/2017 (ECLI:ES:TS:2019:663), fis-sens li, huwa possibbli, permezz ta' interpretazzjoni tad-Direttiva 2001/40/KE (4), li jiġi sostnut li kull ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu permess ta' residenza għal żmien twil li jkun wettaq delitt ikkastigat b'piena ta' [ħabs] ta' tul ta' mill-inqas ta' sena jista' u għandu jkun suġġett ta' tkeċċija b'mod "awtomatiku", jiġifieri, [mingħajr] il-ħtieġa li ssir kwalunkwe evalwazzjoni dwar iċ-ċirkustanzi personali, familjari, soċjali jew ta' xogħol tiegħu?

---

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272.
(2) Sentenza tas-7 ta' Diċembru 2017, López Pastuzano (C-636/16, EU:C:2017:949).
(3) Sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, Ziebell (C-371/08, EU:C:2011:809).
(4) Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet dwar l-espulsjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 107).